# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: pr152132mt, Press Release Issue Date: Sep 30, 2015

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE), Nru 178/2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika qiegħed jinforma lill-pubbliku, li l-prodotti hawn imsemmija m'għandhomx jiġu kkonsumati minn persuni li huma allerġiċi jew intoleranti għall-glutina, peress li fihom glutina mhux iddikjarata.

Prodott: Baked Corn Snack Baked Peanut Snack
Ditta: Say Bacon – VF Chimpeys
Piz: 30g 30g
Data tad-Durabbilta minima: 15/01/16 u 14/11/15 28/03/16
Numru tal-Lott: 166 u 104 240
Tip ta ippakeġjar: Fojl tal- Aluminju
Fojl tal-Aluminju

Il-kumpanija involuta ġiet obbligata sabiex tirtira l-prodott inkwestjoni mis-suq iżda peress li ċerti prodotti setgħu diġà nxtraw mill-konsumaturi, dan id-Direttorat qiegħed jinforma lill-pubbliku kif inhu xieraq.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista` jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 21 337333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera.

Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facbook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/1450278778928626 jew is-sit uffiċċjali https://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.